

Brussell, 4 ta' Diċembru 2018
(OR. en, fr)

Fajls Interistituzzjonali:
2017/0121(COD)
2017/0122(COD)
2017/0123(COD)

15084/18
ADD 1

TRANS 603
SOC 754
EMPL 559
MI 922
COMPET 838
CODEC 2194

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: ST 14802/18 + ADD 1 to ADD 4

Nru dok. Cion: ST 9668/17
ST 9670/17
ST 9671/17

Suġġett: Pakkett dwar il-Mobbiltà I:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq

– Dikjarazzjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dikjarazzjonijiet magħmula mid-delegazzjonijiet fl-okkażjoni tal-approċċ ġenerali tal-Kunsill dwar il-proposti msemmijin hawn fuq.

Il-Polonja, il-Bulgarija, il-Litwanja, Malta, l-Ungerija

Il-Polonja, il-Bulgarija, il-Litwanja, Malta u l-Ungerija jiddispjaċihom jinnutaw li sforzi biex jiddividu s-suq u jipproteġu s-swieq interni ta' xi Stati Membri ddominaw fuq l-għan inizjali tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I li kien li jissimplifika u jiċċara r-regoli fis-settur tat-trasport, u li jtejjeb il-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol tax-xufiera.

L-approċċ ġenerali għall-Pakkett dwar il-Mobbiltà I ma jqisx l-ispeċifitàtiet ġeografiċi tal-Istati Membri li jinsabu mal-fruntieri esterni tal-UE. Il-pakkett propost jonqos ukoll milli jqis il-problemi speċifiċi tal-istati gżejjer. Barra minn hekk, mhux biss joħloq kundizzjonijiet mhux ekwi għall-operaturi fi ħdan l-UE, iżda jipperikola wkoll il-kompetittività internazzjonali tas-settur tal-ġarr ta' merkanzija bit-triq tal-UE.

Minflok dispożizzjonijiet bilanċjati u kompromess ġenwin li jikkontribwixxi għal Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb, l-approċċ ġenerali propost jimponi miżuri restrittivi, sproporzjonati u protezzjonisti li jmorru kontra l-prinċipji bażiċi tat-Trattati u l-libertajiet fundamentali tal-UE, bħal pereżempju d-dispożizzjoni li tipprevedi li x-xufier jiġi sfurzat jirritorna lejn post partikolari.

Il-Polonja, il-Bulgarija, il-Litwanja, Malta u l-Ungerija joġġezzjonaw bil-qawwa għal:

- Il-mudell maqsum, li jipprevedi l-applikazzjoni ta' reġim ta' stazzjonar għax-xufiera li jwettqu operazzjonijiet transfruntiera u ta' kabotaġġ. Il-proposta ser twassal għal frammentazzjoni tas-suq tal-UE, filwaqt li tiddiskrimina ma' xi Stati Membri u x-xufiera minn dawn il-pajjiżi. Ser ixxekkel il-funzjonament kif suppost tas-suq intern għat-trasport bit-triq, toħloq piż amministrattiv sproporzjonat għall-operaturi, speċjalment l-intrapriżi żgħar u medji, u barra minn hekk ser iżżid il-kompetizzjoni inġusta bejn operaturi mill-UE u dawk li mhumiex mill-UE, għad-dannu ta' dawk tal-ewwel. L-aħħar iżda mhux l-inqas, ser iżżid ukoll ostakli għall-kummerċ fl-UE.
- Projbizzjoni totali fuq mistrieħ ta' kull ġimgħa regolari fil-kabina. Din hi soluzzjoni restrittiva li ma tqisx in-nuqqas ta' postijiet ta' mistrieħ xierqa b'akkomodazzjoni sura fl-Ewropa. F'sitwazzjoni bħal din il-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera mhux ser jitjiebu, għax ix-xufiera mhux ser igawdu minn infrastruttura li ma teżistix u li ser tieħu żmien biex tinbena.

- Impożizzjoni ta' restrizzjonijiet addizzjonali fuq il-kabotaġġ fil-forma ta' perijodu ta' preklużjoni ta' għadd ta' ġranet. Din hija miżura oħra restrittiva, sproporzjonata u protezzjonista li timponi ostaklu amministrattiv arbitrarju għall-aċċess għas-suq.

B'konsegwenza tagħha, minflok ittejjeb il-kompetittività u s-suċċess tas-settur tat-trasport tal-UE, l-implimentazzjoni tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I fil-forma attwali tiegħu ser tirriżulta f'fallimenti ta' trasportaturi żgħar u ta' daqs medju, żieda fir-rati tal-qgħad fl-UE, żieda qawwija fil-prezzijiet ta' ħafna prodotti u servizzi li taffettwa ħażin lill-konsumaturi u tnaqqis fit-tkabbir ekonomiku. L-effetti ser ikunu ħafna aktar serji fl-Istati Membri li ma jinsabux fiċ-ċentru tal-UE u li għalihom it-trasport huwa settur importanti tal-ekonomija.

Konsegwentement, fid-dawl tan-nuqqas ovvju ta' ekwità u bilanċ fl-approċċ ġenerali propost tal-Kunsill għall-Pakkett dwar il-Mobbiltà, il-Polonja, il-Bulgarija, il-Litwanja, Malta u l-Ungerija jivvutaw kontra tiegħu.

Il-Belġju

Il-Belġju jikkonferma l-vot tiegħu kontra l-Pakkett dwar il-Mobbiltà I fil-Kunsill Trasport tat-3 ta' Diċembru 2018.

Il-Belġju ma jistax jappoġġa r-reġim il-ġdid dwar il-kabotaġġ propost taħt ir-Regolament Nru 1072/2009, peress li l-introduzzjoni ta' perijodu ta' preklużjoni ta' ħamest ijiem thedded is-sostenibbiltà tal-attività ekonomika tas-settur tiegħu.

L-Iżvezja

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja fir-rigward tal-proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/22/KE u li tistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) (Brussell, 28 ta' Novembru 2018, 14802/18 ADD 4)

L-Iżvezja tista' tappoġġa l-approċċ ġenerali ta' din il-proposta, iżda tixtieq li r-rimarka li ġejja dwar l-Artikolu 2(4)(a) tizzied mal-protokoll u titqies fil-proċess li ser isegwi.

L-Iżvezja tqis li jkun ta' benefiċċju jekk l-Artikolu 2(4)(a) jesprimi b'mod ċar ir-rispett għall-mudelli nazzjonali tal-liġijiet dwar ix-xogħol u jirrikonoxxi r-rwol tal-imsieħba soċjali fir-rigward tat-Trattati. L-imsieħba soċjali jaqdu rwol fil-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjeg f'xi Stati Membri. Dan hu garantit fid-direttivi ġenerali dwar l-istazzjonar li d-direttiva proposta hi maħsuba li tkun lex specialis għalihom. Biex il-lex specialis tiffunzjona bl-istess mod bħad-direttivi ġenerali f'dan ir-rigward, jaqbel li ssir kjarifika. Għalhekk huwa importanti li l-Artikolu 2(4)(a) jiddikjara li l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' tagħmel l-informazzjoni fid-dikjarazzjoni tal-istazzjonar disponibbli, pereżempju permezz ta' reġistru, lil awtoritajiet oħra jew lill-imsieħba soċjali skont il-liġijiet u l-prattiki nazzjonali.

L-Iżvezja tixtieq tfakkar ukoll li l-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tirrispetta r-rwol tal-imsieħba soċjali.